MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 882/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c (C 3177)**

**VS**

**Gozo Caterers Limited (C 4338)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ HSBC Bank Malta p.l.c. tas-7 ta’Settembru 2011, li jaqra hekk :

*“Illi permezz ta' kuntratt ta' self u kompro-vendita fl-atti tan-Nutar Eugene Montanaro datat 21 ta' Novembru 1995 (Dok HSBC1 hawn anness) is-socjeta intimata Gozo Caterers Ltd. giet konfermata debitrici tal-Bank rikorrent;*

*Illi ghalkemm saru diversi pagamenti s-socjeta intimata baqghet debitrici tas-socjeta’rikorrenti;*

*Illi ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta' l-istess kuntratt u s-socjeta' rikorrenti qeghda permezz tal-prezenti titlob l-awtorizzazzjoni ta'dina l-Onorabbli Qorti ai termini*

*ta' l-artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tas-socjeta intimata ghall-bilanc li ghadu dovut;*

*Ghaldastant is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta' l-istess kuntratt u li id-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li, r-rikorrent ghandu : "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn ... li jkun qieghed ifittex esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".*

Rat li  l-atti tar-rikors guramentat, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta’ intimata  skond il-ligi;

Rat ir-risposta tas-socjeta’ intimata Gozo Caterers Limited tad-9 ta’Dicembru 2011 (a fol. 24 et seq) li taqra hekk :

*“Li hi topponi ruhha totalment ghat-talba maghmula mill HSBC Bank Malta Plc.*
*u dan ghas-segwenti eccezzjonijiet u/jew ragunijiet :-*

*1 ) Illi t-talba maghmula mill-Bank rikorrent hija intempestiva u anki vessatorja stante illi sa ftit zmien qabel ma saret din it-talba il-Kumpannija Gozo Caterers Limited u l-istess rikorrent kienu f’kommunikazzjoni dwar modalitajiet ta' hlas lura tas-self, izda f’ daqqa wahda u bla preavviz, il-Bank mar jintenta din l-azzjoni intempestiva. Illi bl-iskema ta' hlas fuq riferita l-kumpanija intimata tat lill Bank stampa cara illi hemm sigurta' ghall-hlas lura tas-self. Ghandu jinghad li l-kumpanija intimata diga' qed iggorr ipoteki favur il-Bank rikorrent fuq proprjetajiet illi jqumu diversi drabi l-allegat kreditu tal-Bank, u s-sitwazzjoni hi*
*li tant hemm propjeta' ipotekata li per gustizzja l-Bank ghandu jnehhi l-ipoteki zejda li ghandu skont il-ligi, u dana meta ukoll jkun tenut kont ta' ammonti ingenti li l-Bank diga thallas. Illi ghalhekk ukoll l-azzjoni tal-Bank ghandha tkun dikjarata mil-bidunett nulla.*

*2) Illi fit-tieni lok il-Bank rikorrent mexa b'mod diskriminatorju kontra l- kumpanija intimata in kwantu flok ressaq rikors guramentat sabiex jigi stabbilit x'inhu verament dovut lilu. b'din il-procedura qed jipprova jcahhad lill-esponenti*

*milli tiddefendi d-drittijiet taghha kif normalment isir meta wiehed jirrikorri ghal Rikors Gurament appozitu.*

*3 ) Illi b'zieda mat-tieni aggravju, jinghad li l-procedura korretta li kellu jirrikorri ghaliha l-Bank kellha tkun permezz ta' Rikors Guramentat fejn il- partijiet jinghataw iz-zmien iressqu l-provi taghhom permezz ta' xhieda u dokumenti, ghax altrimenti l-esponenti tkun qed tigi mcahhda minn smiegh xieraq.*

*4) Illi dan qed jinghad ghaliex fir-raba' lok il-Bank rikorrent ma jistax jammetti fir-rikors tieghu li saru hlasijiet akkont izda ma jghidx kemm thallas u l-anqas jiddikjara x'inhu l-bilanc li jippretendi li ghadu dovut. Ir-rikors kif propost mill-Bank rikorrent jaghti lok ghal abbuz serju stante li r-rapprezentant tal-bank qed tiehu gurament li ghad hemm bilanc dovut izda mhix tiehu gurament fuq l-ammont bilancjali dovut. Ghalhekk kieku din l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' t-talba tal-bank skond dan ir-rikors, il-bank ikun qed jinghata carte blanche biex johrog mandati ezekuttivi fuq liema ammont irid, bla ebda forma ta' kontroll. Il-mandati ezekuttivi li jsegwu din il-procedura anqas gurament ma jkunu jirrikjedu. Ghalhekk, il-bilanc dovut ghandu jigi likwidat permezz ta' Rikors Guramentat appozitu fejn ikun irid isir ezercizzju ta' verifika u konteggi mhux biss tas-somma originarjament mislufa, imma wkoll ta' l-ammonti mhallsa,ta' l-imghaxijiet mizjuda, tal-bank charges mizjuda u ta' kwalunkwe ammont iehor li solitament il-banek izidu ma' l-ammonti reklamati minnhom. Dan jinnecessita procedura ta' Rikors Guramentat bit-tressiq ta' dokumenti, xhieda, kontroezamijiet u rapporti, u mhux procedura sommarja kif jippretendi l-Bank attur.*

*5) Illi l-hames oggezzjoni, ta' natura procedurali, jinghad li mill-kuntratt notarili tan-Nutar Dottor Eugene Montanaro imsemmi fir-rikors promotorju ma jirrizultax terminu meta l-hlas lura tas-self kellu jsir u ghaldaqstant ai termini tal-*
*Artikolu 1077 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Civili) hemm dispost :*

***Meta ma jkun gie stabbilit ebda zmien ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, din ghandha tigi esegwita minnufih, izda dan kemm il darba x-xorta tal-obbligazzjoni jew il-mod li bih ghandha tigi esegwita, jew il-lok miftiehem fl-esekuzzjoni taghha, ma jgibux maghhom il-htiega ta' zmien, li jekk ikun hemm bzonn, jigi stabbilit mill Qorti...'***

*6) Illi mill-kuntratt msemmi fl-atti tan Nutar Dottor Eugene Montanaro ma jirrizultax illi l-kapital u l-imghax kellu jithallas fi zmien tlett snin mid-data tal-*
*kuntratt su citat u ghaldaqstant it-talba biex ir-rikorrenti tigi awtorizzata a tenur*
*ta' l-Artikolu 258 tal Kap 12 tal Ligijiet ta' Malta, sabiex tesegwixxi dawn l-istess titoli fil-konfront tal-Kumpannija huma irriti u nulli stanti illi r-rikorrenti l- ewwel trid titlob lill-Qorti terminu, b'Rikors Guramentat appozitu biex jigi*
*stabbilit zmien ghall hlas lura tas-self maghmul.*

*7) Inoltri il-kuntratt ta' self u bejgh imsemmi fl-atti tan Nutar Dottor Eugene Montanaro tas-sena elf disa mija u hamsa u disghin (1995) jirrizulta illi l- Kumpannija sselfet l-ammont ta' tletin elf liri Maltin (Lm30,000.00) pari llum ghall disa u sittin elf tminn mija u wiehed u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€69881.20) sabiex jithallsu vendituri li bieghu u ittrasferew lill-Kumpannija l- proprieta' deskritta fuq l-istess att. Dan jiddimostra illi dan s-self kien esekuzzjoni ta' fatt u ghalhekk mhuwiex esegwibbli kif qed ikun pretiz mill-istess Bank rikorrenti.*

*8) Illi l-Bank rikorrent qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq Artikolu 258 (Kodici ta'Organizzazzjoni u Procedura Civili tal-Ligijiet ta'Malta) subinciz (c). li minn naha tieghu japplika biss in rigward ta' l-effetti kontemplati f'paragrafi (b) u (e) tal-Artikolu 253 tal-Kap 12. Fil-waqt li paragrafu (e) dwar promissory notes certament ma japplikax ghall-kaz odjern, l-anqas paragralu (b) ma japplika ghall-kaz odiern in kwantu dak il-paragrafu japplika biss meta ikollok: "il-kuntratti rcevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom,* ***meta l-kuntatt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq****,u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta'fatt;"*

*Il-kuntratt li fuq, l-Bank rikorrent qed jibbaza din il-procedura u li anke gie pprezentat mar-rikors tieghu mhuwiex kuntratt dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, imma huwa kuntratt ta' self u bejgh. Id-dejn li nholoq b'dak il-kuntratt kellu jithallas fldata futura, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li tali dejn ma kienx qed jigi dikjarat maghluq fil-mument tas-self. Il-kuntratti indikati f'paragrafu 253(b) necessarjament ikunu kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu fejn id-dejn ikun diga' dovut fil-mument li qed isir il-kuntratt*

*9) Illi bla pregudizzju ghas-sottomissjonijiet precedenti, l-Artiklu 253 tal-Kap 12 jghid 'inter alia' illi huma titoli esekuttivi:*

*Il-kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku ta'Malta jew minn ufficcjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta il kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu, u li ghalaq, **u ma jikkonsistix f esekuzzjoni ta' fatt...***

*Illi kif jirrizulta iktar 'l fuq, l-kuntratt ta' self u bejgh in atti tan Nutar Dottor Eugene Montanaro tas-sena elf disa mija u hamsa u disghin (1995) imsemmi u riferit fir-rikors promotorju tal-Bank hu u cioe' jikkonsisti minn **esekuzzjoni ta' fatt** gialadarba thallsu l-vendituri u ghaldaqstant mhuwiex titolu esekuttiv kif tistipula ossija trid l-istess ligi,*

*10) Illi hu lampanti illi esekuzzjoni ta' fatt bhala hlas lill vendituri, jew in-nuqqas ta' esekuzzjoni ta' fatt bhalma huma events of default ma jikkostitwixxux titolu esekuttiv fil-ligi u lanqas ma jista l-istess titolu esekuttiv pretiz jigi rez ezegwibbli bir-rikors li qed kif pretiz mill Bank ai termini tal-Artikolu 258 ai termini tal-Kap 12 (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) tal-Ligijiet ta' Malta. Hu lampanti u evidenti li dan jista isir biss wara sentenza definittiva illi ma tkunx fiha kundizzjonijiet sospensivi u li tikkundanna lill-Kumpannija intimata ghal hlas ta' somma likwida jew biex taghti xi haga certa jew biex tezegwixxi fatt jew obbligu partikolari u dan wara li tinghata din it-tali sentenza*

*11) Illi ghaldaqstant illi stanti l-premess il-Bank rikorrent ma setghax jimxi b'din il-procedura li mexa ossija ipproceda biha <u>minghajr ma jottjeni rikonoxximent gudizzjadu tal-kreditu tieghu wara li jigi stabbilit it-terminu ghal-hlas self ossija allegat bilanc tas-self in kwistioni, kif ukoll wara li jigi stabilit tul il-process shih gudizziarju - li jkun kondott bhal kull kawza civili normali kif fuq inghad - illi l-intimati ma segwewx l-events of default kif stabbilit fl-istess kuntratt.</u>*

*12) Illi l-Kumpanija tikkontesta u tirritieni illi ghandu jsir process ta' verifikazzjoni tal-ammonti kif mitluba mill-istess Bank senjatament kif gie ikkalkolu l-imghax kif ukoll r-rati li bih inhadem l-imghax jew imghax fuq imghax bi frekwenza li mhijiex cara lanqas. Illi l-istess ghandu jghodd ukoll ghall bank charges kif ukoll ghall ammonti ohra simili. Ghaldaqstant stanti l-opposizzjoni adversarjali li tezisti u li qed tkun esposta bir-risposta prezenti ma tista tigi intentata ebda procedura ta' esekuzzjoni mill Bank qabel ma jkunu*

*rizolti dawn il kwistjonijiet kollha bi process gudizzjarju normali ta' kawza civili normali fejn kull nahha jkollha l-opportunita' ggib - l-istess bhal f'kull kawza civili ohra - il-provi taghha inkluz xhieda u/jew evidenza ohra.*

*l3) Illi din il-kwistjoni meta tqajjmet quddiem dawn il Qrati gie deciz minn din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta'Mejju 2010, fir-Rikors Numru 4/10 ghal bejgh fl-irkant fl-ismijiet 'Avv Edward DeBono noe vs Oliver Agius et' :*

***"Illi fit-titolu vantat mill-kreditu huwa kuntratt ricevut min Nutar Pubbliku ta' Malta, li kif jinghad fl-Artikolu 253(b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili, huwa titolu esekuttiv biss dwar dejn, cert, likwidu u li jaghlaq. Dak li fil fehma tal-kreditur jaghmel id dejn 'li jaghlaq' huwa nuqqas tad-debituri li jharsu xi pattijiet tal-kuntratt. Dan in-nuqqas jitqies bhala events of default skond il-ftehim u bis-sahha tieghu l-kredituri jitilfu l-beneficcju tat-terminu. Jekk sehhx jew le dan in-nuqqas min nahha tad-debituri, ma johrogx mill-kuntratt innifsu u ghalhekk ma jistax jinghad mill-qari tal-kuntratt u tal-iskedi mehmuza mieghu illi l-kuntratt huwa dwar dejn li jaghlaq.***
***Fic-cirkostanzi ghalhekk ma jistax jinghad illi l-kreditur ghandu titolu esekuttiv taht l-Artikolu 253(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni w Procedura Civili....."***

*14) Illi inoltri fi kwalunkwe kaz l-esponenti izzomm il-posizzjoni taghha totalment impregudikata, kif ukoll tassoggetta l-prezenti risposta ghad-dritt ta' smiegh xieraq, trattament xieraq u trattament ugwali u mhux diskriminatorju kif ukoll kwalsiasi drittijiet ohra Fundamentali u kwalsiasi procedura u/jew azzioni in difiza tad-drittijiet kollha tal-esponenti.*

*Illi bla pregudizzju ghall kwalsiasi dritt tal-esponenti, fil-waqt li fi kwalunkwe kaz tigi ribadita l-eccezzjoni ta' l-intempestivita' l-esponenti ghadha disposta li tiddiskuti mal-Bank rikorrent id-divergenzi ta' bejniethom dwar l-ammont verament dovut u pendenzi ohra.*

*Illi ghalhekk filwaqt illi l-esponenti taghmel referenza kemm ghal dak kollu li inghad hawnhekk kif ukoll ghax-xhieda u provi kollha li bla pregudizzju bi hsiebha ggib fuq*

*seduti diversi tul il mori ta' din il-kawza, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tal-Bank Rikorrent.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess Bank rikorrent."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-replika tas-7 ta'Frar 2012, tas-socjeta' HSBC Bank Malta plc wara r-risposta tas-socjeta'intimata u d-digriet tal-20 ta'Dicembru 2011 (a fol. 30 et seq.);

Rat in-nota tal-kumpanija Gozo Caterers Limited ettal-24 ta'Mejju 2013 (a fol. 73 et seq);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-HSBC Bank Malta plc tal-11 ta'Gunju 2013 (a fol.81 et seq.);

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tat-3 ta'Lulju 2013 fejn innominat lil Dr. Yvette Cassar bhala Assitent Gudizzjarju (a fol. 92 et seq);

Rat ir-rikors tas-socjeta' intimat tal-21 ta'Frar 2014;

Rat id-digriet tal-STO Prim Imhallef tat-23 ta'Frar 2014 ili bih din il-kawza giet trasferita quddiem din il-Qorti kif preseduta (videf il. 105- 106);

Rat ir-risposta tal-bank attur tal-21 ta'Marzu 2014;

Rat in-nota ta' referenzi tas-socjea' HSBC Bankk Malta plc tat-28 ta'Marzu 2014 (a fol. 112 et seq);

Rat in-nota b'replika tas-socjeta' intimata tal-20 ta'Gunju 2014 (a fol. 135 et seq);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza tikkoncerna talba tal-bank attur ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 ghall-awtorizzazzjoni ghall-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv tal-kuntratt tal-25 ta'Novembru 1995 fl-atti tan-Nutar Eugine Montanaro (vide fol. 2-15) stante li ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-istess kuntratt u li "d-dejn ma huwiex saldat kollu"- vide fol.1 .

Illi mix-xhieda ta' Lorraine Bonnici (vide fol. 61A et seq) ufficjal tal-Bank attur jirrizulta illi s-socjeta' intimata kienet inghatat facilita' bankarja ta' self f'ammont ta' Lm30,000 skond kuntratt tal-21 ta' Novembru 1995 fl-atti tan-Nutar Eugine Montanaro (vide fol. 2-15 u kopja dattilgrafika Dok. HSBC1 a fol. 33-38).

Lorraine Bonnici xhedet illi *"kien hemm ftehim dwar il-mod kif kellhom isiru lura l-hlasijiet u kien anke hemm modifiki fihom sussegwentement u dana, naturalment wara li sar il-kuntratt."*

Fis-sena 2008 kien hemm *commitment letter* , a fol. 61A.

**Skond il-ftehim tas-sena 2008**, il-pagamenti kienu ta' sitt mija erbgha u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centezmi (Eur 644.82) fix xahar u l-ahhar pagament sar fil-5 t'Ottubru 2005 – a fol. 61B.

Chris Sladden Manager tal-bank rikorrenti , a fol. 95 ikkonferma illi kien jahdem fic-Central Bank *Recovery Unit* mis-sena 2006 sa 2012. Ma setghax jghid jekk fis-sena 2011 is-socjeta' intimata kienet kitbet lil bank li kien hemm pjan ta' hlas. Huwa xhed illi jezamina u japprova *Action Plan* li tkun giet mhejjija mill-*Bank Clerks*.

Huwa sostna li ma kien hemm ebda penali jew *fees* mposti fuq dan l-akkont, hlief rata accettabbli legalment u cioe' 8% b*'simple interest* – fol. 97.

Chris Sladden ma kienx jaf illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, s-socjeta' intimata ghamlet kuntatt mal-bank attur biex tasal fi ftehim fuq il-kontijiet.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-kuntratt tal-21 ta'Novembru 1995 huwa ta' self ta' tletin elf (Lm30,000) ghal xiri ta'proprjeta cioe': 81 Triq il-Karita' , Victoria Ghawdex b'delega li l-bank jhallas l-venditrici pro et noe.

**Dan il-kuntratt ma jindika ebda modalita' ta' hlas**.

Dan il-kuntratt ma jsemmi ebda perijodu ta' zmien, jew snin li fih il-hlas kien mahsub illi jaghlaq.

Il-kuntratt jindika li l-interess ma kellhomx jeccedu l-oghla rata permess fil-ligi, skond prassi Bankarja li tista' tinbidel minn zmien ghal zmien.

Il-kuntratt jikkontieni klawsola li f'kaz illi xi kondizzjonijiet ,"kemm prezenti, kemm futuri," ma jigux osservati, l-bank jkollu d-dritt jitlob s-somma kollha wara dekors ta' hmistax (15) – il gurnata minn ittra ufficcjali ghal-hlas.

Il-kuntratt na jirreferi ghal ebda *action letter* u ebda *sanction letter* jew ftehim ulterjuri ma gew prodotti mill-bank attur.

Huwa importanti li jigi differenzjat illi l-kuntratt li tieghu qieghed jintalab l-awtorizzazzjoni ghall-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv vantat, huwa ***loan facility*** u **mhux kostituzzjoni ta' debitu** in segwitu ta' facilita' bankarja ta' self jew *overdraft*.

**Ikkonsidrat:**

Illi skond l-Artikolu 253(b) tal-Kap.12 :

> ***"(b) il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom,***

***meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt;"***

Illi di piu' skond l-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12:

***"(ċ) l-għeluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit,"***

Din il-Qorti rat l-insenjament moghti mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Beacom vs. Spiteri Staines** deciza fil-5 t'Ottubru 1998 :

***"Il-principiu kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu iigi rispettat u li hi l-volonta tal-kontraenti kif espress fil-konvenzjoni li kellho tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda."***

Din il-Qorti ezaminat ukoll is-sentenza **Grech v Zammit Tabona** (App. Deciz fil-4 ta' Dicembru 1998) li fiha, il-Qorti tal-Appell spjegat l-importanza tal-kliem espress tal-ftehim b' dan il-mod:

***"fejn il-konvenzjoni tirrizulta caro u mill-volonto tal-kontraenti liberament espressa, tirrizulta inekwivoka, mhux lecitu ghall-Qorti illi tinterpreta tali konvenzioni iew tattribwilha motivazzjoni ulterjuri li la tirrizulta mid-dicitura tal-ftehim u lanqas minn cirkostanzi ohra. Jigifieri fejn is-sinjifikat tal-konvenzioni ikun car u fein il-fatti li jkunu waslu ghat dak il-ftehim kif ukoll fatti sussegwenti ma ipoggux fid-dubju l-volonta tal-kontraenti ma kienx lecitu ghall-gudikant illi jaghti lil dik l-iskrittura sinjifikat divers minn dak tiberament espress mill-kontraenti".***

Dan gie konfermat ukoll mill-lmhallef Philip Sciberras f' zewg kawzi:

> ***'ls-sens guridiku jiddetta illi l-ftehim bil-miktub ghandu jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tieghu...'* (Navarro et noe v Baldacchino, deciza fit-28 ta'Frar 2003)'... *Dan anke ghaliex meta l-kontraenti jkunu taw espressjoni bil-kitba lill-volonta taghhom l-ebda nferenza ma hi tollerabbli biex timla l-lacuna ta' dak li wiehed mill-kontraenti seta kellu in forma mentis izda li b' danakollu ma gietx ukoll hekk minnu espressa'* (Camilleri v Glenville et noe, 28 t'April 2003);**

Il-Qorti rat u ezaminat s-sentenza tal-Qorti tal-Appell deciza fil-**21 ta'Mejju 1965** fl-ismijiet **Calcedonio Ciantar vs Francis Grech** :

> *"ls-sitwazzjoni ezatta kif taraha din il-Qorti hi dina. Normalment il-principju hu ... illi, meta d-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu hi espressa ... [bhalma hija f'dan il-kaz ghaliex il-kuntratt jistipula espressament a pagna 2, par. 4 li "Wara li jghaddu l-imsemmija hmistax-il jum is-somma mislufa li tkun ghadha ma thallsitx issir restitwibbli minnufih ukoll fuq domanda semplici bil-miktub mill-Bank il-kreditur jista jipprocedi gholl-ezekuzzjoni,minghajr il-kundanna gudizzjali precedenti tad-debitur jew l-awtorizzazzjoni gudizzjali o meno purche ma jkunx ghodda z-zmien jew ma jkunx jirrikorru c-cirkostanzi kif kontemplat fl-artikolu 256 u 257 tol-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. B' dana kollu l-kreditur jista, qabel jghaddi ghall-ezekuzzjoni, jottjeni dikjarazzjoni gudizzjli illi l-kondizzjoni li minnha tiddependi d-dekadenza vverifikat ruhha. Pero ghall-finijiet to' l-ispejjez ta' domanda simili l-Qorti ghanda dritt tara jekk, fil-kaz partikolari, kienx hemm xi ragunijiet li kienu jiggustifikaw il-bzonn ta' dikjarazzjoni gudizzjarja precedenti, bhal per ezempju ghaliex id-debitur ikun ga qanqal kwistjoni dwar il-verifikazzjoni tal-kondizzjoni li minnha tiddependi d-dekadenza. Minghajr xi cirkostonza simili d-domanda gudizzjarja da parti tal-kreditur tkun aktarx inutili u tikkaguna lid-debitur spejjez bla bzonn.*
>
> *'Fil-fehma tal-Qorti huwa car li altru wiehed jghid illi l-kreditur ghandu interess li jaccerta gudizzjarjament il-verifikazzjoni tal-*

> *kondizzjoni u altru wiehed jghid illi l-awtorizzazzjoni gudizzjali hi necessarja. Jekk tigi accettata din it-tieni verzjoni tar-regola jigri illi, f' kazijiet ta' din ix-xorta, il-kreditur ma jkun jista qatt jipprocedi ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt jew titolu iehor minghajr il- precedenti awtorizzazzjoni gudizzjali ... Fil-fehma tal-Qorti dan ma jidhirx korrett.*
>
> ***Normalment il-principju hu ... illi meta d-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu hi espressa, il-kreditur jista jipprocedi ghall-ezekuzzjoni minghajr il-kundonna gudizzjali precedenti tad-debitur ...*** *' ;*(Enfasi ta' din il-Qorti)

Dan hu, fil-fehma tal-Qorti, l-punt kardinali li fuqha jiddependi dan il-kaz.

Il-kuntratt in ezami kif gia accennat din il-Qorti huwa kuntratt ta' self mhux kostituzzjoni ta' debitu. Dan il-kuntratt ma jikkontieni <u>ebda</u> modalita' ta' hlas – ebda rata jew ammont mensili ma huwa indikat. Huwa nieqes ghal kollox minn terminu ta' zmien cioe perjodu ta' snin li fih da self kellu jigi mhallas .

Fil-kuntest tal-principji stabbiliti mill-gurisprudenza fejn si tratta ta' awtorizzazzjoni ta' titolu ezekuttiv, jinghad:

> ***"Mill-gurisprudenza nostrali in effetti jirrizulta li f'kawza ta' din ix-xorta ir-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-gdid tal-kreditu tieghu izda biss awtorizzazzjoni biex jezegwixxi titolu ezekuttiv gia kanonizzat b'sentenza precedenti..."***
>
> ***"L-uniku konsiderazzjoni li ghandha taghti il-Qorti fi procedura bhal din hija biss dwar l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. Trid taccerta ruhha <u>dwar l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv</u> li ghadda it-terminu prefiss mill-ligi minn meta dak it-titolu seta' jigi ezegwit kontra debitur intimat, li ix-xorta tad-dejn u il-fatt li l-istess ghadu pendenti jigu konfermati bil-gurament mill-kreditur jew raprezentant tieghu u li tordna l-ezekuzzjoni tat-titolu biss ghall-***

> ***ammont kanonizzat li jkun ghadu ma thallasx."*** (Enfasi ta' din il-Qorti)
>
> Vide s-sentenza **"HSBC Malta plc (C-3177) vs Raymond Sammut"** deciza fl-**14 ta' Dicembru 2011;**
>
> vide ukoll **John Portelli nomine vs Henry Azzopardi et nomine** Qorti tal-Appell, deciza **29 ta' Mejju 1997**.

Fil-kaz in ezami huwa inkontestat illi ma sar ebda kanonizzazzjoni tal-kreditu permezz ta' sentenza, u huwa il-kuntratt ta' self innifsu li qed jigi vantat bhala titolu ezekuttiv.

Illi ghal kuntrarju ta' dak li gie ritenut fis-sentenza **"HSBC Malta plc (C3177) vs Small Properties Limited et"** deciza fl-**4 ta' Gunju 2012** mill-Imhallef Joseph Zammit McKeon, fejn il-kuntratt (li tieghu kien qed jintalab l-ezekuzzjoni qua titolu ezekuttiv) kien wiehed li juri illi ***"il-pattijiet u l-kundizzjonijiet huma cari u univoci"***, il-kuntratt meritu tar-rikors promotorju huwa nieqes ghal kollox minn din il-kjarezza fejn si tratta tal-modalitajiet u terminu ta'zmien ghal hlas.

**Wiehed isaqsi allura kif jista' "dejn" jigi kwalifikat bhala wiehed "li jaghlaq" jekk kemm –il darba l-kuntratt ma jindikax modalita u terminu ta' zmien ghal hlas?**

Fil-kaz in ezami, **u mehud in konsiderazzjoni l-klawsoli tal-kuntratt in ezami**, f'kaz li l-bank jixtieq jittermina il-kuntratt ta' self minhabba d-dekadenza ta' xi obbligi ohra da parti tas-socjeta' intimata, dan jista' jsir biss permezz ta' pronunzjament gudizzjarju separat.

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **"Avukat Dr. Edward Debono nomine vs Oliver Agius et",** l-Imhallef Giannino Caruana Demajo irritiena :

> ***"Rat illi t-titolu vantat mill-kreditur huwa kuntratt ricevut minn nutar pubbliku ta' Malta, li, kif ighid l-art. 253(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, huwa titolu esekuttiv biss meta huwa huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq. Dak li, fil-fehma tal-kreditur, jaghmel id-dejn wiehed "li ghalaq" huwa***

> ***nuqqas tad-debituri li jharsu xi pattijiet tal-kuntratt. Dan in-nuqqas jitqies bhala "event of default" skond il-ftehim u bis-sahha tieghu d-debituri jitilfu l-beneficcju tat-terminu.***
>
> ***Jekk sehhx jew le dan in-nuqqas min-naha tad-debituri ma johrox milll-kuntratt innifsu u ghalhekk ma jistax jinghad, minn qari tal-kuntratt u tal-iskedi mehmuza mieghu, illi l-kuntratt huwa dwar dejn li ghalaq.***
>
> ***Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma jistax jinghad illi l-kreditur ghandu titolu esekuttiv taht 1-art. 253(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili"***

Vide ukoll **HSBC Malta plc vs Spirdione Bartolo et** deciza fil-11 ta'Dicembru 2013.

Din il-Qorti, taghraf illi dan il-pronunzjament jinkwadra ruhu perfettament fil-parametri tal-kuntratt in ezami.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet numru tmienja u hdax tas-socjeta' intimata, tastieni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta' intimata stante illi ma hemmx utilita' ghal dan, u tichad it-talba tal-bank attur.

Bl-ispejjez kontra il-bank attur.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------